MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 418/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edwin Bartolo u Salvatore Mifsud**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Novembru 2009 li ddikjarat "procediment ezawrit" fil-konfront tal-appellati Edwin Bartolo u Salvatore Mifsud. L-appell gie trattat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010, u thalla ghas-sentenza ghal-lum.

**2.** Edwin Bartolo u Salvatore Mifsud tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Gunju 2009 akkuzati talli fis-6 ta' Gunju 2009, ghall-habta tat-3.15 pm, fi Triq Luqa Briffa, iz-Zejtun (i) hebbew ghal Grazio Bondin u /jew Joseph Brownrigg u kkagunaw griehi ta' natura

hafifa fuq il-persuna ta' Grazio Bondin skond kif iccertifika t-Tabib Dott. Anton Bugeja mill-Poliklinika tar-Rahal Gdid; (ii) volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (iii) Edwin Bartolo wahdu kien akkuzat ukoll li ingurja lil Joseph Brownrigg bi kliem, u (iv) Salvatore Mifsud wahdu kien akkuzat li mbotta lil Grazio Bondin fit-triq biex iwegghu jew jinsulentah. F'dik il-gurnata tal-prezentata taghhom hekk taht arrest, cioe` fis-7 ta' Gunju 2009, huma dehru assistiti mill-Avukat Dott. Edward Gatt, filwaqt li ghall-prosekuzzjoni dehru l-Ispetturi Joseph Mercieca u Dennis Theuma. L-imputati talbu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u wara li l-qorti semghet x'kellha xi tghid il-prosekuzzjoni, l-imputati nghataw tali helsien taht certi kundizzjonijiet (ara fol. 31 sa 33 tal-process) li, fil-verita` ma humiex relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell. Ghalkemm f'din l-udjenza l-kawza giet differita ghall-15 ta' Gunju 2009 "sabiex tinstema' fis-seduta tad-distrett", fil-fatt is-seduta tad-distett inzammet fit-23 ta' Gunju 2009.

**3.** Il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Gunju 2009, li kjarament jirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca u Spettur Dennis Theuma) v. Edwin Bartolo et" (ara fol. 38 tal-atti), jghid testwalment hekk:

**"Meta ssejhet il-kawza dehru l-imputati. L-Avukat Dr Anglu Farrugia debitament assistihom. Ghall-Prosekuzzjoni l-Ispettur P. Caruana kienet prezenti; Dehru l-parte civili assistiti. Tordna li l-kawza tigi differita ghat-3 ta' Novembru 2009 ghall-provi. Tissejjah fil-11.00 am."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**4.** Il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009, intestat ezatt bhal dak precedenti ghal dak li jirrigwarda l-ismijiet tal-partijiet fil-kawza, ighid hekk:

**"Meta ssejhet il-kawza dehru l-imputati. L-Avukat Dr Edward Gatt u Dr A. Farrugia[1] debitament assistihom**

[1] Fil-fatt quddiem din il-Qorti – cioe` quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – gie kkjarifikat li f'dik l-udjenza tat-23 ta' Novembru 2009 dehru ghall-imputati Dott. Edward Gatt u Dott. Caroline Farrugia, cioe` bint l-Avukat Dott. Angelo Farrugia, u ghalhekk mhux Dott. Angelo Farrugia kif erronjament indikat – ara l-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010.

**(*sic!*). Ghall-prosekuzzjoni l-Ispettur Jos. Mercieca kien prezenti. Charles Cutajar imsejjah ma deherx. Ix-xhieda msejjha ma dehrux. Il-Qorti nformat[2] li m'hemmx aktar interess fil-kwerela. Kawza deciza."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**5.** Is-sentenza tal-ewwel qorti, li kopja taghha tinsab a fol 40 u li minnha qed jappella l-Avukat Generali, wara li tirriproduci l-imputazzjonijiet, tkompli hekk:

**"Ikkonsidrat: Illi meta l-kawza giet imsejjha wara l-11:00 ta' fil-ghodu, il-Qorti giet infurmata li ma kienx hemm aktar interess fatt dan ikkonfermat fl-assenza tax-xhieda, ossia kwerelanti, u certu Charles Cutajar. Ghaldaqstant u fic-cirkustanzi tiddikjara procediment ezawrit."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**6.** L-appell ta' l-Avukat Generali huwa bbazat fuq il-partita *(ii)* tas-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fuq is-subparagrafu (vi) tal-istess Art. 413(1)(b). Skond il-partita *(ii)* msemmija, l-Avukat Generali ghadu dritt ta' appell meta "l-imputat jew intimat jigi liberat minhabba f'li…l-azzjoni tigi estinta…". Is-subparagrafu (vi) jaghti wkoll dritt ta' appell lill-Avukat Generali meta "il-Pulizija, jew, skond il-kaz, il-kwerelant ma jkunx gie permess waqt il-kawza li jipproduci, b'appogg ghall-akkuza, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skond il-ligi."

**7.** Issa, kemm mis-sentenza appellata kif ukoll mill-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009 quddiem l-ewwel qorti, huwa evidenti li dik il-qorti ddikjarat "procediment ezawrit" u li ghalhekk kien hemm l-estinzjoni tal-azzjoni, minhabba recess ossia irtirar tal-kwerela. Pero` anke li kieku – li ma hux il-kaz – dan kien kaz fejn il-kwerela setghet tigi rtirata, ossia seta' jkun hemm il-mahfra tal-parti leza li tincidi fuq l-azzjoni, tali mahfra trid tkun espressa u mhux presunta minhabba s-semplici fatt li l-kwerelant ma jkunx deher, u dan b'effett kumulattiv tal-

[2] Din il-kelma ma hix cara: jew "nformat" jew "informatha". Il-verbali f'din il-kawza huma miktuba bl-idejn, b'partijiet minnhom stampati bil-lest, bid-deputat registratur jaqta' fejn ma jkunx applikabbli.

Artikoli 377(1)(2) u 403(1)(2) tal-Kodici Kriminali – ara, fost ohrajn, *passim* **Il-Pulizija v. Pietru Cutajar** u **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, it-tnejn sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Settembru 1996. F'dan il-kaz, izda, il-mahfra tal-kwerelant jew kwerelanti jew ir-recess tal-kwerela ma seta' jkollu ebda effett fuq l-azzjoni ghas-semplici raguni li dan kien kaz fejn il-Pulizija kienet ipprocediet *ex officio* in virtu` tal-*proviso* tal-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali, u dan ghaliex ir-reati talvolta prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti leza (meta allura, trattandosi ta' reati ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-prosekuzzjoni suppost li titmexxa mill-istess kwerelant u mhux mill-Pulizija Ezekuttiva), cioe` ir-reati ipotizzati fl-ewwel, fit-tielet u fir-raba' imputazzjoni, huma akkumpanjati b'reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, li hu r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni. Meta jkunu hekk akkumpanjati, l-azzjoni tista' titmexxa – kif effettivament tmexxiet f'dan il-kaz – *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, u dan proprju in virtu` tal-imsemmi *proviso*. Meta l-azzjoni titmexxa *ex officio* skond l-imsemmi *proviso*, il-mahfra tal-parti leza ossia r-recess tal-kwerela ma ghandha ebda effett fuq l-azzjoni kriminali, u tista' biss, fil-kazijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena – ara, fost hafna sentenzi ohra f'dan is-sens, **Il-Pulizija v. Stephen Muscat** Appell Kriminali, 5 ta' Mejju 1995.

**8.** Isegwi li f'dan il-kaz l-ewwel qorti ma setghet qatt, fuq il-presunzjoni li ma kienx hemm aktar interess fil-kwerela, tiddikjara, kif ghamlet, procediment ezawrit. L-ewwel aggravju tal-Avukat Generali hu, ghalhekk, ben fondat u ser jintlaqa'. Konsegwentement ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tinvesti t-tieni aggravju. Huwa evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009 kienet vizzjata ghax ibbazata fuq premessi legali zbaljati, u kollox ghalhekk ghandu jirreverti ghal qabel ma bdiet l-udjenza msemmija.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-3 ta' Novembru 2009 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca u Spettur Dennis Theuma) v.

Edwin Bartolo u Salvatore Mifsud" u, biex ma tipprivax lill-appellati mill-beneficcju tad-doppju ezami, filwaqt li tqieghdhom fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009 (u dan anke fir-rigward tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest pendenti l-proceduri), tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel qorti sabiex din, wara li tisma' l-provi, tiddeciedi dwar l-akkuzi u dwar id-difiza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------